**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 24 ta' Awwissu, 2018**

**Rikors Nru. 779/2018**

**Fl-atti tas-Subbasta Numru 9/2018**
**fl-ismijiet**

**Neofarma Pharmaceuticals Limited**

**vs**

**John Cauchi Gera u Maria Teresa sive Tessie Cauchi Gera**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Labomed Limited tal-20 ta' Lulju 2018 fejn intalab li titwaqqaf subbasta numru 9/18MCH xprunata mis-socjeta Neofarma Pharmaceuticals Limited li tirrigwarda bejgh ta' licenzja ta' spizerija bin-numru DL160 appartenenti lid-debituri konjugi Cauchi Gera.

Din it-talba saret ghaliex fit-28 ta' Gunju 2018 is-socjeta rikorrenti ottjeniet sentenza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Labomed Limited vs John Cauchi Gera (Rikors 994/2017AF) fejn l-istess Qorti ordnat lil konvenut jersaq ghal kuntratt finali ta' trasferiment tal-licenzja ta' spizerija DL160 skond il-kondizzjonijiet tal-konvenju tad-29 ta' Dicembru 2015. Din is-sentenza giet appellata.

Is-socjeta Neofarma Pharmaceuticals Limited opponiet ghal din it-talba principalment ghaliex hi ghandha titolu ezekuttiv kontra d-debituri naxxenti minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 25 ta' Gunju 2015 rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru 2017.

Il-Qorti tqis it-talba ta’ Labomed Limited fic-cirkostanzi bhala inattendibbli. Il-kreditur Neofarma Pharmaceuticals Limited ghandu ragun fil-ligi jotlob is-subbasta tal-beni tad-debitur. Ghalkemm is-socjeta Labomed Limited ghandha f’idejha sentenza fejn id-debitur qed jigi obbligat jittrasferixxi l-licenzja lilha, din is-sentenza, li ghadha lanqas ghaddiet in gudikat finali, taghmel stat bejn il-partijiet u mhux fil-konfront ta’ terzi, f’dan il-kaz, il-kreditur Neofarma Pharmaceuticals Limited. Fil-fatt it-titolu ta’ Neofarma Pharmaceuticals Limited mhux jigi attakkat izda biss li jekk is-subbasta tigi ezegwita s-socjeta rikorrenti ser isofri pregudizzju. Dan jista’ jkun pero r-rimedju ghandha tfittxu fil-konfront tad-debitur taghha mhux kontra kredituri ohra li huma estraneji ghan-negozju bejn Labomed Limited u Cauchi Gera.

In kwantu ghal mandat ta’ inibizzjoni mahrug favur Labomed Limited (Nru. 1428/17LM) tali mandat li jorbot biss lil partijiet milquta bih u hu wiehed ta’ natura kawtelatorju li jipprekludi lid-debitur milli jitrasferixxi minn rajh il-licenzja bi ksur tal-ordni tal-Qorti izda tali mandat ma jista’ qatt jostakola lil Qorti stess ghalkemm diversament preseduta li tordna l-bejgh furzat tal-istess oggett jekk hemm titolu ezekuttiv ta’ kreditur iehor. Il-konsegwenzi li jinsorgu mill-bejgh furzat hi kwistjoni legali li ma tifformax parti mill-konsiderazzjonijet tal-kwistjoni quddiem din il-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talba ta’ Labomed Limited qed tigi michuda bl-ispejjez.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur